MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Numru 573/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**

**vs**

**REDEEMER PORTELLI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Redeemer Portelli bin Raymond u Rita nee Vella mwieled il-Pieta’ fit-08/06/1988 u joqghod, “Ritray”, Triq il-Poezija, Qormi. I.D.327788(M).

Billi gie akkuzat talli fit-22 ta’ Jannar, 2010 ghall-habta ta’ 23:50hrs fi Triq il-kunsill tal-Ewropa, Luqa waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBD742;

(1) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku kkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Crystal Anne Agius skond ma’ ccertifika DrMoira Grech M.D. (reg2165) mill-Isptar Mater Dei.
(2) saq l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata.
(3) saq l-imsemmija vettura b’manjiera bla kont.
(4) saq l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluza.
(5) ghamel uzu mill-vettura msemmija hawn fuq minghajr ma’ kienet koperta b’polza tas-sigurta dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. GA 5 u nnutat li l-imputat Redeemer Portelli m’ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-ewwel (1) akkuza u tar-raba’ (4) akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel (1) akkuza u tar-raba’ (4) akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum id-Difiza iddikjarat li l-ammissjoni tal-imputat tal-ewwel (1) akkuza u tar-raba’ (4) akkuza migjuba kontra tieghu f’dawn il-proceduri penali hija wahda inkondizzjonata pero’ qieghed jigi dikjarat ukoll li tali ammissjoni hi bla pregudizzju ghal kwalunkwe

procedura ta' natura civili naxxenti mill-incident li sehh fit-22 ta' Jannar, 2010.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li it-tieni (2) akkuza u it-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat inghataw bhala akkuzi alternattivi ghar-raba' (4) akkuza migjuba kontra l-imputat u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjenti milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni (2) akkuza u it-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat.

F'dan l-istadju taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' George Stagno Navarro li fis-Seduta tallum qal:

"Jiena qieghed hawnhekk in rapprezentanza tal-Elmo Insurance Company u b'referenza ghal vettura, registration number JBD 742 nghid li minn verifiki li ghamilt mir-records taghna jirrizulta li dina l-vettura fid-data tat-22 ta' Jannar, 2010 kellha polza ta' sigurta valida mal-Kumpanija assigurattrici taghna."

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li, fid-dawl ta' dak li xehed George Stango Navarro, il-Prosekuzzjoni qeghda tirtira il-hames (5) akkuza migjuba kontra l-imputat.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li nkwantu ghall-ewwel (1) akkuza migjuba kontra l-imputat liema akkuza giet ammessa mill-imputat, din l-akkuza tinkwadra ruhha taht l-artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17 u 226(1)(b) tal-Kap. 9 u l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Redeemer Portelli, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel (1) akkuza u tar-raba' (4) akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina

penali netta tal-imputat, tikkundanna lill-imsemmi imputat Redeemer Portelli ghall-piena komplessiva ta’ elf u tmien mitt Euro (Euro 1800) multa.

Rigward it-tieni (2) akkuza u it-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat Redeemer Portelli, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward dawn l-imsemmija zewg akkuzi migjuba kontra l-imsemmi imputat kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni (2) akkuza u it-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat.

Rigward il-hames (5) akkuza migjuba kontra l-imputat Redeemer Portelli tiddikjara li din l-akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Redeemer Portelli milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien erba’ (4) xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------